



TESTI ADOTTATI

P8_TA(2019)0046

Emendi tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2019 dwar emendi għar-Regoli ta' Proċedura li jaffettwaw: il-Kapitoli 1 u 4 tat-Titolu I; il-Kapitolu 3 tat-Titolu V; il-Kapitoli 4 u 5 tat-Titolu VII; il-Kapitolu 1 tat-Titolu VIII; it-Titolu XII; it-Titolu XIV u l-Anness II (2018/2170(REG))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 226 u 227 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A8-0462/2018),
1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;
 2. Jiddeċiedi li l-emendi jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tas-sessjoni parzjali li jmiss bl-eċċezzjoni tal-emendi li jdaħħlu t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3e fl-Artikolu 11 u l-punti 6 u 7 tal-Kodiċi ta' Mgħiba Xierqa għall-Membri tal-Parlament Ewropew fil-Qadi ta' Dmirijietom kif ukoll l-emendi għall-Artikoli 196 u 204, li jidħlu fis-seħħ mal-ftuħ tal-ewwel sessjoni parzjali wara l-elezzjonijiet li jmiss tal-Parlament Ewropew li se jsiru fl-2019;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

Emenda 1

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 11 – titolu

Test fis-seħħ

Emenda

Interessi finanzjarji u standards ta' kondotta tal-Membri

Standards ta' kondotta

Emenda 2

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 11 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

1. Il-Parlament għandu jistabbilixxi regoli li jirregolaw it-trasparenza tal-interessi finanzjarji tal-Membri tiegħu, taħt forma ta' kodiċi ta' kondotta adottat mill-maġġoranza tal-Membri, u meħmuż ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura bħala anness⁴.

imħassar

Dawk ir-regoli m'għandhomx joħlqu preġudizzju jew restrizzjoni bi kwalunkwe mod ieħor għall-Membri fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom jew fi kwalunkwe attività politika jew attività oħra relatata.

⁴ Ara l-Anness II

Emenda 3

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 11 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

Emenda

2. Il-Membri għandhom jadottaw il-prattika sistematika li jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jkunu rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza stabbilit permezz tal-Ftehim bejn il-Parlament Ewropej u l-

imħassar

Kummissjoni Ewropea dwar l-istabbiliment ta' Reġistru ta' Trasparenza⁵.

⁵ *Ftehim tas-16 ta' April 2014 bejn il-Parlament Ewropej u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-istabbiliment ta' Reġistru ta' Trasparenza għall-organizzazzjonijiet u l-persuni li jaħdmu għal rashom li huma involuti fl-abbozzar u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 277, 19.9.2014, p.11).*

Emenda 4

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

Test fis-seħħ

Il-kondotta tal-Membri għandha tkun ikkaratterizzata minn rispett reċiproku, għandha tkun ibbażata fuq il-valuri u l-prinċipji stabbiliti fit-Trattati, u b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ***u għandha tirrispetta d-dinjità tal-Parlament. Barra minn hekk, m'għandhiex tikkomprometti t-tmexxija bla xkiel tal-ħidma parlamentari, iż-żamma tas-sigurtà u tal-ordni fil-bini tal-Parlament jew il-funzjonament tal-apparat tiegħu.***

Emenda 5

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

Test fis-seħħ

Fid-dibattiti parlamentari, il-Membri m'għandhomx jirrikorru għal lingwaġġ jew imġiba malafamanti, razzisti jew ksenofobiċi, u lanqas ma għandhom jifih strixxuni.

Emenda

Il-kondotta tal-Membri għandha tkun ikkaratterizzata minn rispett reċiproku ***u*** għandha tkun ibbażata fuq il-valuri u l-prinċipji stabbiliti fit-Trattati, u b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. ***L-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-dinjità tal-Parlament u m'għandhomx jagħmlu ħsara għar-reputazzjoni tiegħu.***

Emenda

imħassar

Emenda 6

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ

Emenda

Il-Membri għandhom jimxu mar-regoli tal-Parlament dwar it-trattament ta' tagħrif kunfidenzjali.

imħassar

Emenda 7

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

Test fis-seħħ

Emenda

In-nuqqas ta' osservanza ta' dawn l-istandards u r-regoli jista' jwassal għall-applikazzjoni tal-miżuri skont l-Artikoli 165, 166 u 167.

imħassar

Emenda 8

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

3a. Il-Membri m'għandhomx jikkompromettu t-tmexxija bla xkiel tal-ħidma parlamentari u m'għandhomx jikkompromettu ż-żamma tas-sigurtà u tal-ordni fil-bini tal-Parlament jew il-funzjonament tal-apparat tiegħu.

Emenda 9

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 11 – paragrafu 3b (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

3b. Il-Membri m'għandhomx ifixklu l-ordni tajba tal-Kamra u għandhom joqogħdu lura minn imġiba mhux xierqa.

Huma m'għandhomx juru strixxuni.

Emenda 10

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 11 – paragrafu 3c (ġdid)**

Test fis-seħħ

Emenda

3c. *Fid-dibattiti parlamentari fil-Kamra, il-Membri m'għandhomx jirrikorru għal lingwaġġ offensiv.*

Emenda 11

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 11 – paragrafu 3c (ġdid) – interpretazzjoni**

Test fis-seħħ

Emenda

Il-valutazzjoni ta' jekk il-lingwaġġ użat minn Membru f'dibattitu parlamentari huwiex offensiv jew le għandha tqis, inter alia, l-intenzjonijiet identifikabbli tal-kelliem, il-perċezzjoni tad-dikjarazzjoni mill-pubbliku, il-punt sa fejn dan jikkostitwixxi ħsara għad-dinjità u r-reputazzjoni tal-Parlament, u l-libertà tal-kelma tal-Membru kkonċernat. Pereżempju, lingwaġġ malafamanti, "diskors ta' mibegħda" u inċitament għal diskriminazzjoni bbażata, b'mod partikolari, fuq kwalunkwe kriterju msemmi fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, normalment jikkostitwixxu każijiet ta' "lingwaġġ offensiv" fis-sens ta' dan l-Artikolu.

Emenda 12

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 11 – paragrafu 3d (ġdid)**

Test fis-seħħ

Emenda

3d. *Il-Membri għandhom jimxu mar-regoli tal-Parlament dwar it-trattament ta' tagħrif kunfidenzjali.*

Emenda 13

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 11 – paragrafu 3e (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

3e. Il-Membri għandhom iżommu lura minn kull tip ta' fastidju psikoloġiku jew sesswali u għandhom jirrispettaw il-Kodiċi ta' Mgħiba Xierqa għall-Membri tal-Parlament Ewropew fil-Qadi ta' Dmirijiethom li huma meħmuża ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura bħala anness ^{1a}.

Il-Membri ma jistgħux jiġu eletti għal kariga fil-Parlament jew f'wieħed mill-korpi tiegħu, jinħatru bħala rapporteur, jew jipparteċipaw f'delegazzjonijiet uffiċjali jew f'negozjati interistituzzjonali, jekk ma jkunux iffiraw id-dikjarazzjoni relatata ma' dak il-Kodiċi.

^{1a}*Il-Kodiċi ta' Mgħiba Xierqa għall-Membri tal-Parlament Ewropew fil-Qadi ta' Dmirijiethom, adottat mill-Bureau fit-2 ta' Lulju 2018, għandu jsir anness ma' dawn ir-Regoli.*

Emenda 14

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 11 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

Emenda

4. L-applikazzjoni ta' din ir-Regola m'għandhiex bi kwalunkwe mod ieħor tnaqqas mill-hegħga tad-dibattiti parlamentari, u l-anqas m'għandha tippreġudika l-libertà tal-kelma tal-Membri.

Għandha tkun ibbażata fuq rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Membri, kif stipulat fil-liġi primarja tal-Unjoni u l-Istatut tal-

imħassar

Membri.

Għandha tkun ibbażata fuq rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Membri, kif stipulat fil-liġi primarja tal-Unjoni u l-Istatut tal-Membri.

Emenda 15

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 11 – paragrafu 5**

Test fis-seħħ

5. Meta persuna ***impjegata minn*** Membru, jew persuna oħra li għaliha Membru jkun irranġa biex ikollha aċċess għall-bini jew ***għal*** apparat tal-Parlament, ma tikkonformax mal-istandards ta' kondotta stabbiliti ***fil-paragrafu 3, is-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 166 jistgħu***, fejn ikun xieraq, ***jigħu imposti fuq il-Membri*** kkonċernat.

Emenda

5. Meta persuna ***li taħdem għal*** Membru, jew persuna oħra li għaliha Membru jkun irranġa biex ikollha aċċess għall-bini jew apparat tal-Parlament, ma tikkonformax mal-istandards ta' kondotta stabbiliti ***f'dan l-Artikolu, din l-imġiba tista'***, fejn ikun xieraq, ***tkun imputabbli lill-Membri*** kkonċernat.

Emenda 16

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 11 – paragrafu 5a (ġdid)**

Test fis-seħħ

5a. L-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu m'għandhiex bi kwalunkwe mod ieħor tnaqqas mill-hegħa tad-dibattiti parlamentari, u l-anqas m'għandha tippreġudika l-libertà tal-kelma tal-Membri.

Emenda

Emenda 17

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 11 – paragrafu 5b (ġdid)**

Test fis-seħħ

5b. Dan l-Artikolu għandu japplika mutatis mutandis, għal korpi, kumitati u

Emenda

delegazzjonijiet tal-Parlament.

Emenda 18

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 11 – paragrafu 6**

Test fis-seħħ

Emenda

6. Il-Kwesturi għandhom jiddeterminaw l-ikbar numru ta' assistenti li jista' jiġi akkreditati.

imħassar

Emenda 19

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 11 – paragrafu 7**

Test fis-seħħ

Emenda

7. Il-kodiċi ta' kondotta u d-drittijiet u l-privileġġi ta' ex Membri għandhom jiġu stabbiliti b'deċiżjoni tal-Bureau. M'għandhiex issir distinzjoni fit-trattament ta' ex Membri.

imħassar

Emendi 20 u 75

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 11a (ġdid)**

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu 11a

**Interessi finanzjarji tal-Membri u
Reġistru ta' trasparenza**

1. Il-Parlament għandu jistabbilixxi regoli li jirregolaw it-trasparenza tal-interessi finanzjarji tal-Membri tiegħu, fil-forma ta' Kodiċi ta' Kondotta adottat mill-maġġoranza tal-Membri tiegħu, u meħmuż ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura bħala anness^{1a}.

Dawk ir-regoli m'għandhomx joħlqu preġudizzju jew restrizzjoni bi kwalunkwe

mod ieħor għall-Membri fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom jew fi kwalunkwe attività politika jew attività oħra relatata.

2. Il-Membri għandhom jadottaw il-prattika sistematika li jiltaqgħu biss ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jkunu rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza stabbilit permezz tal-Ftehim bejn il-Parlament Ewropej u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-istabbiliment ta' Reġistru ta' Trasparenza^{1b}.

3. Il-Membri għandhom jipublikaw online il-laqgħat skedati kollha ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jidħlu fl-ambitu tar-Reġistru ta' Trasparenza. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(6) tal-Anness I, ir-rapporteurs, ix-shadow rapporteurs u l-presidenti tal-kumitati għandhom, għal kull rapport, jipublikaw online il-laqgħat skedati kollha ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jidħlu fl-ambitu tar-reġistru ta' Trasparenza. Il-Bureau għandhu jipprovdi l-infrastruttura meħtieġa fuq il-websajt tal-Parlament.

4. Il-Bureau għandu jipprovdi l-infrastruttura meħtieġa fuq il-paġna web tal-Membri fuq il-websajt tal-Parlament għal dawk il-Membri li jixtiequ jipublikaw awditjar volontarju jew konferma, kif previst fir-regoli applikabbli tal-Istatut tal-Membri u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, li l-użu minnhom tal-Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali jikkonforma mar-regoli applikabbli tal-Istatut tal-Membri u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

5. Dawn ir-regoli m'għandhomx joħlqu preġudizzju jew restrizzjoni bi kwalunkwe mod ieħor għall-Membri fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom jew fi kwalunkwe attività politika jew attività oħra relatata.

6. Il-kodiċi ta' kondotta u d-drittijiet u l-privileġġi ta' ex Membri għandhom jiġu stabbiliti b'deċiżjoni tal-Bureau. M'għandhiex issir distinzjoni fit-

trattament ta' ex Membri.

1a Ara l-Anness I.

1b Ftehim tas-16 ta' April 2014 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reġistru tat-trasparenza għal organizzazzjonijiet u individwi li jaħdmu għal rashom involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE (ĠU L 277, 19.9.2014, p.11).

Emenda 88

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 32 – paragrafu 5

Test fis-seħħ

5. Il-President għandu jkun mgħarraf permezz ta' stqarrija meta jitwaqqaf grupp politiku. Dik l-istqarrija għandha tispeċifika l-isem tal-grupp u l-ismijiet tal-membri tiegħu u tal-membri tal-Bureau tiegħu. ***Hija għandha tiġi ffirmata mill-Membri*** kollha tal-grupp.

Emenda

5. Il-President għandu jkun mgħarraf permezz ta' stqarrija meta jitwaqqaf grupp politiku. Dik l-istqarrija għandha tispeċifika:

- l-isem tal-grupp,
- ***dikjarazzjoni politika, li tiddeskrivi l-għan tal-grupp***, u
- l-ismijiet tal-membri itgeħu u tal-membri tal-Bureau tiegħu.

Il-membri kollha tal-grupp ***għandhom jiddikjaraw bil-miktub f'anness mal-istqarrija li jikkondividu l-istess affinità politika.***

Emenda 21

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 34 – paragrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

1a. L-intergruppi kif ukoll gruppi

oħra mhux uffiċjali għandhom ikunu trasparenti għalkollox fl-azzjonijiet tagħhom u m'għandhomx jinvolvu ruħhom f'kwalunkwe attività li tista' tirriżulta f'konfużjoni mal-attivitajiet uffiċjali tal-Parlament jew tal-korpi tiegħu. Huma ma jistgħux jorganizzaw avvenimenti f'pajjiżi terzi li jikkoinċidu ma' missjoni ta' korp uffiċjali tal-Parlament, inkluża delegazzjoni uffiċjali għall-osservazzjoni ta' elezzjonijiet.

Emenda 22

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 34 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. *Dawn il-gruppi għandhom ikunu trasparenti għalkollox fl-azzjonijiet tagħhom u m'għandhomx jinvolvu ruħhom f'attivitajiet li jistgħu jirriżultaw f'konfużjoni mal-attivitajiet uffiċjali tal-Parlament jew tal-korpi tiegħu. Sakemm il-kundizzjonijiet stipulati fir-regoli adottati mill-Bureau li jirregolaw l-istabbiliment ta' dawn il-gruppi, jiġu rispettati, il-gruppi politiċi jistgħu jiffaċilitaw l-attivitajiet tagħhom billi jipprovdulhom appoġġ loġistiku.*

Emenda

2. *Sakemm il-kundizzjonijiet stipulati fir-regoli interni tal-Parlament li jirregolaw l-istabbiliment ta' dawn il-gruppi jiġu rispettati, grupp politiku jista' jiffaċilita l-attivitajiet ta' tali gruppi billi jipprovdilhom appoġġ loġistiku.*

Emenda 23

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

Gruppi mhux uffiċjali oħra għandhom ikunu wkoll meħtieġa jiddikjaraw, sa tmiem ix-xahar ta' wara, kull appoġġ, kemm jekk ikun fi flus jew in natura, li l-Membri ma jkunux iddikjaraw individwalment b'mod konformi mal-obbligi tagħhom previsti fl-Anness I.

Emenda 24

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 34 – paragrafu 3a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

3a. Ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li huma rreġistrati fir-Reġistru ta' Trasparenza biss jistgħu jipparteċipaw fl-intergrupp jew f'attivitajiet ta' gruppi mhux uffiċjali oħra organizzati fil-bini tal-Parlament, pereżempju billi jattendu laqgħat jew avvenimenti tal-intergrupp jew grupp mhux uffiċjali, billi joffru appoġġ għalih, jew billi jospitaw l-avvenimenti tiegħu b'mod konġunt.

Emenda 25

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 34 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

Emenda

4. Il-Kwesturi għandhom iżommu reġistru tad-dikjarazzjonijiet imsemmija **fit-tielet paragrafu. Dan ir-reġistru għandu jkun ippubblikat fis-sit web tal-Parlament.** Il-Kwesturi għandhom jadottaw regoli dettaljati dwar dawn id-dikjarazzjonijiet u **għandhom jiżguraw l-infurzar effettiv ta' dan l-Artikolu.**

4. Il-Kwesturi għandhom iżommu reġistru tad-dikjarazzjonijiet imsemmija **fil-paragrafu 3.** Il-Kwesturi għandhom jadottaw regoli dettaljati dwar dawn id-dikjarazzjonijiet u **l-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-Parlament.**

Emenda 26

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 34 – paragrafu 4a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

4a. Il-kwesturi għandhom jiżguraw l-applikazzjoni effettiva ta' dan l-Artikolu.

Emenda 27

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 128 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

4. **Wieħed** mill-interpellanti **jista'** jiżviluppa l-mistoqsija fil-Parlament. Id-destinatarju għandu jwieġeb.

Emenda

4. **Membru maħtur minn qabel** mill-interpellanti **għandu** jiżviluppa l-mistoqsija fil-Parlament. **Jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti, il-mistoqsija għandha taqa'**. Id-destinatarju għandu jwieġeb.

Emenda 28

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 130 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. Kwalunkwe Membru jista' jagħmel mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà skont kriterji stipulati f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura²⁷. L-interpellanti għandhom ikunu esklużivament responsabbli għall-kontenut tal-mistoqsijiet.

Emenda

1. Kwalunkwe Membru, **grupp politiku jew kumitat** jista' jagħmel mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà skont kriterji stipulati f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura²⁷. L-interpellanti għandhom ikunu esklużivament responsabbli għall-kontenut tal-mistoqsijiet.

²⁷ Ara l-Anness II

²⁷ Ara l-Anness II

Emenda 29

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 130 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. Il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-President. Kwistjonijiet dwar l-ammissibbiltà ta' mistoqsija għandhom jiġu deċiżi mill-President. Id-deċiżjoni tal-President **ma għandhiex** tkun ibbażata esklużivament fuq id-

Emenda

2. Il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-President **f'forma elettronika**. Kwistjonijiet dwar l-ammissibbiltà ta' mistoqsija għandhom jiġu deċiżi mill-President. Id-deċiżjoni tal-President **m'għandhiex** tkun ibbażata

dispożizzjonijiet tal-anness imsemmi fil-paragrafu 1 iżda fuq id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura b'mod ġenerali. Id-deċiżjoni motivata tal-President għandha tkun innotifikata lill-persuna li tagħmel il-mistoqsija.

esklużivament fuq id-dispożizzjonijiet tal-anness imsemmi fil-paragrafu 1 iżda fuq id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura b'mod ġenerali. Id-deċiżjoni motivata tal-President għandha tkun innotifikata lill-persuna li tagħmel il-mistoqsija.

Emenda 30

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 130 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. ***Il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati f'format elettroniku. Kull Membru*** jista' jippreżenta massimu ta' 20 mistoqsija fuq perjodu ta' tliet xhur konsekuttivi.

Emenda

3. ***Kull Membru, grupp politiku jew kumitat*** jista' jippreżenta massimu ta' 20 mistoqsija fuq perjodu ta' tliet xhur konsekuttivi. ***Bħala regola ġenerali, id-destinatarju għandu jwieġeb il-mistoqsijiet fi żmien sitt ġimgħat minn meta jkun irċevihom. Madankollu, kull Membru, grupp politiku jew kumitat jista' kull xahar jinnomina waħda mill-mistoqsijiet tiegħu bħala "mistoqsija ta' prijorità" li d-destinatarju għandu jwieġeb fi żmien tliet ġimgħat minn mindu jkun irċeviha.***

Emenda 31

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 130 – paragrafu 5

Test fis-seħħ

5. Jekk mistoqsija ma ***tkunx tista' titwieġeb*** mid-destinatarju fi żmien ***tliet ġimgħat (mistoqsija prijoritarja) jew sitt ġimgħat (mistoqsija mhux bi prijorità) minn meta tkun intbagħtet lid-destinatarju, tista' titqiegħed, fuq talba tal-interpellant, fl-aġenda tal-laqgħa ta' wara tal-kumitat responsabbli.***

Emenda

5. Jekk mistoqsija ma ***titwieġibx*** mid-destinatarju fi żmien ***l-iskadenza prevista fil-paragrafu 3, il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li*** titqiegħed fuq ***l-aġenda għal-laqgħa tiegħu li jmiss.***

Emenda 32

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 130 – paragrafu 6

Test fis-seħħ

Emenda

6. *Kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda mistoqsija prijoritarja waħda fix-xahar.*

imħassar

Emenda 33

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 130 – paragrafu 7

Test fis-seħħ

Emenda

7. Il-mistoqsijiet u *kwalunkwe tweġiba*, inkluż l-annessi relatati ma' din tal-aħħar, għandhom jiġu ppubblikati fil-websajt tal-Parlament.

7. Il-mistoqsijiet u *t-tweġibiet*, inkluż l-annessi relatati ma' din tal-aħħar, għandhom jiġu ppubblikati fil-websajt tal-Parlament.

Emenda 34

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 130a

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu 130a

imħassar

Interpellanzi minuri għal tweġiba bil-miktub

1. *Fl-interpellanzi minuri, li jikkonsistu f'mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub il-Kunsill, il-Kummissjoni jew il-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jistgħu jintalbu minn kumitat, grupp politiku jew mill-anqas ħamsa fil-mija tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament biex jagħtu informazzjoni lill-Parlament dwar kwistjonijiet li jkun ntagħżlu b'mod speċifiku.*

Tali mistoqsijiet għandhom jiġu

ppreżentati lill-President li, sakemm il-mistoqsijiet ikunu skont dawn ir-Regoli ta' Proċedura b'mod ġenerali u jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura²⁸, għandu jitlob lid-destinatarju jirrispondi fi żmien ġimgħatejn; il-President jista' jestendi dan il-limitu ta' żmien b'konsultazzjoni mal-persuni interpellanti.

2. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Parlament.

²⁸ *Ara l-Anness II*

Emenda 35

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 130b – titolu

Test fis-seħħ

Emenda

Interpellanzi maġġuri għal tweġiba bil-miktub *b'dibattitu*

Interpellanzi maġġuri għal tweġiba bil-miktub

Emenda 36

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 130b – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

1. Fl-interpellanzi maġġuri, li jikkonsistu f'mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub b'dibattitu, daww il-mistoqsijiet jistgħu jsiru lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà minn kumitat, grupp politiku jew mill-anqas ħamsa fil-mija tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament. *Il-mistoqsijiet jistgħu jinkludu stqarrija ta' spjegazzjoni qasira.*

Tali mistoqsijiet għandhom jitressqu bil-

1. L-interpellanzi maġġuri għandhom jikkonsistu f'mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub li jsiru lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà minn grupp politiku.

miktub lill-President li, sakemm il-mistoqsijiet ikunu skont dawn ir-Regoli ta' Proċedura b'mod ġenerali u jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura²⁹, għandu immedjatament jinforma lid-destinatarju tal-mistoqsija u jitlob lid-destinatarju jiddikjara jekk il-mistoqsija hijiex se tiġi mwieġba u, jekk iva, meta.

²⁹ *Ara l-Anness II*

Emenda 37

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 130b – paragrafu 1a (ġdid)**

Test fis-seħħ

Emenda

1a. L-interpellanza maġġuri għandha tkun ta' interess ġenerali u għandha tintbagħat bil-miktub lill-President. Din m'għandhiex taqbeż il-500 kelma. Dment li l-interpellanza maġġuri tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli ta' Proċedura b'mod ġenerali, il-President għandu minnufih jittrażmettiha lid-destinatarju għal tweġiba bil-miktub.

Emenda 38

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 130b – paragrafu 1b (ġdid)**

Test fis-seħħ

Emenda

1b. Għandu jkun hemm massimu ta' 30 interpellanza maġġuri kull sena. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiżgura distribuzzjoni ġusta ta' dawn l-interpellazzjonijiet fost il-gruppi politiċi, u l-ebda grupp politiku m'għandu jibgħat iktar minn waħda kull xahar.

Emenda 39

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 130b – paragrafu 1c (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

1c. Jekk id-destinatarju jonqos milli jwieġeb għall-interpellanza maġġuri fi żmien sitt ġimgħat minn meta tiġi trażmessa lilu, l-interpellanza għandha, fuq it-talba tal-awtur, titqiegħed fuq l-abbozz tal-aġenda finali skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 149 u soġġetta għall-paragrafu 3a.

Emenda 40

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 130b – paragrafu 2

Test fis-seħħ

Emenda

2. Malli tasal ***ir-risposta*** bil-miktub, l-interpellanza maġġuri għandha titqiegħed fuq l-abbozz tal-aġenda tal-Parlament skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 149. ***Irid isir dibattitu jekk kumitat, grupp politiku jew mill-anqas ħamsa fil-mija tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament jitolbu dan.***

2. Malli tasal ***it-tweġiba*** bil-miktub, ***jekk il-Membri jew grupp politiku jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu medju jitolbu dan,*** l-interpellanza maġġuri għandha titqiegħed fuq l-abbozz tal-aġenda finali tal-Parlament skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 149 ***u soġġetta għall-paragrafu 3a.***

Emenda 41

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 130b – paragrafu 3

Test fis-seħħ

Emenda

3. ***Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jwieġeb il-mistoqsija jew jonqos milli jagħmel dan fi żmien tliet ġimgħat, il-mistoqsija għandha titqiegħed fl-abbozz tal-aġenda. Irid isir dibattitu jekk kumitat, grupp politiku jew mill-anqas ħamsa fil-mija tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament jitolbu dan. Qabel id-dibattitu wieħed mill-interpellanti jista' jitħalla***

imħassar

*jiddikjara r-raġunijiet supplimentari għal
din il-mistoqsija.*

Emenda 42

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 130b – paragrafu 3a**

Test fis-seħħ

Emenda

3a. In-numru ta' interpellanzi maġġuri diskussi matul l-istess sessjoni parzjali m'għandux ikun aktar minn tlieta. Jekk jintalbu dibattiti għal aktar minn tliet interpellanzi maġġuri matul l-istess sessjoni parzjali, il-Konferenza tal-Prezidenti għandha tinkludihom fl-abbozz finali tal-aġenda fl-ordni li tkun irċeviet dawk it-talbiet għal dibattitu.

Emenda 43

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 130b – paragrafu 4**

Test fis-seħħ

Emenda

4. **Wieħed mill-interpellanti jista' jiżviluppa l-mistoqsija fil-Parlament. Membru wieħed tal-istituzzjoni kkonċernata għandu jwieġeb.**

L-Artikolu 123(2) sa (5) li jikkonċerna t-tqegħid fuq il-Mejda u l-votazzjoni ta' mozzjonijiet għal rizzoluzzjonijiet għandu japplika mutatis mutandis.

4. **Membru nnominat minn qabel mill-awtur, jew minn dawk li jitolbu d-dibattitu skont il-paragrafu 2, għandu jiżviluppa l-interpellanza maġġuri fil-Parlament. Jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti, l-interpellanza maġġuri għandha taqa'. Id-destinatarju għandu jwieġeb.**

L-Artikolu 123(2) sa (8) li jikkonċerna t-tqegħid fuq il-Mejda u l-votazzjoni ta' mozzjonijiet għal rizzoluzzjonijiet għandu japplika mutatis mutandis.

Emenda 44

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 130b – paragrafu 5**

Test fis-seħħ

Emenda

5. Tali **mistoqsijiet** kif ukoll it-

5. Tali **interpellanzi** kif ukoll it-

tweġibiet għalihom għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Parlament.

tweġibiet għalihom għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Parlament.

Emenda 45

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 165 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. Il-President għandu jsejjaħ għall-ordni kwalunkwe Membru li ***jisfratta t-tmexxija bla xkiel tal-proċeduri jew li l-imġiba tiegħu tonqos milli tkun konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 11.***

Emenda

1. Il-President għandu jsejjaħ għall-ordni kwalunkwe Membru li ***jikser l-istandards ta' kondotta definiti fl-Artikolu 11, paragrafu 3b jew 3c.***

Emenda 46

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 165 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. ***F'każ ta' reċidivita'***, il-President għandu jerġa' jsejjaħ lill-Membru għall-ordni għat-tieni darba, u l-fatt għandu jiġi rrapurtat fil-minuti.

Emenda

2. ***F'każ li ksur jiġi ripetut***, il-President għandu jerġa' jsejjaħ lill-Membru għall-ordni għat-tieni darba, u l-fatt għandu jiġi rrapurtat fil-minuti.

Emenda 47

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 165 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. Jekk ***it-tfixkil*** ikompli, jew ***f'każ ta' reċidivita' mill-ġdid***, il-President jista' jċaħħad lill-Membru kkonċernat mid-dritt li jitkellem u jkeċċih mill-Kamra għall-bqija tas-seduta. F'każijiet ta' serjetà eċċezzjonali, il-President jista' wkoll jirrikorri għal għat-tkeċċija tal-Membru kkonċernat għall-bqija tas-seduta minnufih u mingħajr it-tieni sejħa għall-ordni. Is-Segretarju Ġenerali għandu, mingħajr dewmien, jara li dawn il-miżuri

Emenda

3. Jekk ***il-ksur*** ikompli, jew ***f'każ ta' ksur ulterjuri***, il-President jista' jċaħħad lill-Membru kkonċernat mid-dritt li jitkellem u jkeċċih mill-Kamra għall-bqija tas-seduta. F'każijiet ta' serjetà eċċezzjonali, il-President jista' wkoll jirrikorri għal għat-tkeċċija tal-Membru kkonċernat għall-bqija tas-seduta minnufih u mingħajr it-tieni sejħa għall-ordni. Is-Segretarju Ġenerali għandu, mingħajr dewmien, jara li dawn il-miżuri

dixxiplinari jitwettqu, bl-ghajjnuna tal-
uxxiera u, jekk ikun meħtieġ, tas-Servizz
tas-Sigurtà tal-Parlament.

dixxiplinari jitwettqu, bl-ghajjnuna tal-
uxxiera u, jekk ikun meħtieġ, tas-Servizz
tas-Sigurtà tal-Parlament.

Emenda 48

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 165 – paragrafu 5

Test fis-seħħ

5. Il-President jista' jiddeċiedi li
jinterrompi x-xandir dirett tas-seduta fil-
każ ta' **lingwaġġ jew aġir difamatorju,
razzist jew ksenofobiku** minn Membru.

Emenda

5. Il-President jista' jiddeċiedi li
jinterrompi x-xandir dirett tas-seduta fil-
każ ta' **ksur minn Membru tal-Artikolu 11,
paragrafu 3b jew 3c** minn Membru.

Emenda 49

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 165 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ

Il-President jista' jordna t-tħassir mir-
rekords awdjoviżivi tal-proċedimenti dawk
il-partijiet ta' diskors minn Membru li **jkun
fihom lingwaġġ difamatorju, razzist jew
ksenofobiku**.

Emenda

Il-President jista' jordna t-tħassir mir-
rekords awdjoviżivi tal-proċedimenti **ta'**
dawk il-partijiet ta' diskors minn Membru
li **jiksru l-Artikolu 11, paragrafu 3b jew
3c**.

Emenda 50

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 166 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. F'każijiet serji ta' **diżordni jew
sfrattar tal-Parlament bi** ksur **tal-prinċipji
mniżżla fl-Artikolu 11**, il-President għandu
jadotta deċiżjoni motivata li **tistipula s-
sanzjoni** xierqa.

Emenda

1. F'każijiet serji ta' ksur **tal-
Artikolu 11, paragrafi 3a sa 5b**, il-
President għandu jadotta deċiżjoni
motivata li **timponi fuq il-Membru
kkonċernat is-sanzjoni** xierqa, **skont dan
l-Artikolu**.

**Fir-rigward tal-Artikolu 11, paragrafu 3b
jew 3c, il-President jista' jadotta deċiżjoni
motivata skont dan l-Artikolu
irrispettivament minn jekk
preċedement tkunx ġiet imposta jew le**

miżura immedjata skont it-tifsira tal-Artikolu 165 fuq il-Membru kkonċernat.

Fir-rigward tal-Artikolu 11, paragrafu 3e, il-President jista' jadotta biss deċiżjoni motivata skont dan l-Artikolu wara li jiġi stabbilit li seħħ fastidju skont il-proċedura amministrattiva interna applikabbli dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu.

Il-President jista' jimponi sanzjoni fuq Membru f'każijiet fejn issir dispożizzjoni, minn dawn ir-Regoli ta' Proċedura jew b'deċiżjoni adottata mill-Bureau skont l-Artikolu 25, għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Il-Membru kkonċernat għandu jiġi mistieden mill-President jissottometti osservazzjonijiet bil-miktub qabel ma tiġi adottata d-deċiżjoni. F'każijiet eċċezzjonali, il-President jista' jsejjaħ seduta ta' smigħ tal-Membru kkonċernat.

Dik id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Membru kkonċernat permezz ta' ittra rreġistrata jew, f'każijiet ta' urġenza, permezz tal-uxxiera.

Wara li dik id-deċiżjoni tiġi nnotifikata lill-Membru kkonċernat, kwalunkwe sanzjoni imposta fuq Membru għandha tiġi titħabbar mill-President lill-Parlament. L-uffiċjali li jippresiedu l-korpi, il-kumitati u d-delegazzjonijiet li fihom iservi l-Membru, għandhom jiġu infurmati.

Ladarba s-sanzjoni ssir finali, hija għandha tiġi ppubblikata b'mod prominenti fuq il-websajt tal-Parlament, u għandha tibqa' hemm għall-bqija tal-leġiżlatura parlamentari.

Emenda 51

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 166 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test fis-seħħ

Emenda

1a. Il-Membru kkonċernat għandu jiġi mistieden mill-President jissottometti osservazzjonijiet bil-miktub qabel ma tiġi

adottata d-deċiżjoni. Il-President jista' jiddeċiedi li jsejjaħ seduta orali minflok kull meta dan ikun aktar xieraq.

Id-deċiżjoni li timponi s-sanzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Membru kkonċernat permezz ta' ittra rreġistrata jew, f'każijiet ta' urġenza, permezz tal-uxxiera.

Wara li dik id-deċiżjoni tiġi nnotifikata lill-Membru kkonċernat, kwalunkwe sanzjoni imposta fuq Membru għandha titħabbar mill-President lill-Parlament. L-uffiċjali li jippresiedu l-korpi, il-kumitati u d-delegazzjonijiet li fihom iservi l-Membru, għandhom jiġu infurmati.

Ladarba s-sanzjoni ssir finali, hija għandha tiġi ppubblikata b'mod prominenti fuq il-websajt tal-Parlament, u għandha tibqa' hemm għall-bqija tal-leġiżlatura parlamentari.

Emenda 52

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 166 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. Waqt il-valutazzjoni tal-kondotta osservata għandha titqies in-natura eċċezzjonali, rikorrenti jew permanenti tagħha, u s-serjetà tagħha.

Għandha ssir distinzjoni bejn azzjonijiet viżivi, li jistgħu jkunu tollerati, dment li ma jkunux offensivi, difamatorji, razzisti jew ksenofobiċi, u jibqgħu f'limiti raġonevoli, u dawk li jisfrattaw b'mod attiv l-attività parlamentari.

Emenda 53

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 166 – paragrafu 4

Emenda

2. Waqt il-valutazzjoni tal-kondotta osservata għandha titqies in-natura eċċezzjonali, rikorrenti jew permanenti tagħha, u s-serjetà tagħha. ***Jekk ikun applikabbli għandu jitqies id-dannu possibbli fuq id-dinjità u r-reputazzjoni tal-Parlament.***

Test fis-seħħ

4. Il-miżuri stipulati fil-punti (b) sa (e) tal-paragrafu 3 jistgħu jiġu rduppjati fil-każ ta' **offiżi ripetuti**, jew jekk il-Membru jirrifjuta li jikkonforma ma' miżura meħuda skont l-Artikolu 165(3).

Emenda

4. Il-miżuri stipulati fil-punti (b) sa (e) tal-paragrafu 3 jistgħu jiġu rduppjati fil-każ ta' **ksur ripetut**, jew jekk il-Membru jirrifjuta li jikkonforma ma' miżura meħuda skont l-Artikolu 165(3).

Emenda 54

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 174 – paragrafu 7**

Test fis-seħħ

7. Il-President jista' jqiegħed emendi oħra għall-vot b'mod kollettiv meta dawn l-emendi jkunu kumplimentari, sakemm grupp politiku jew għadd ta' Membri li jilhqqu tal-anqas il-limitu baxx ma jkunux talbu votazzjonijiet separati jew maqsuma. L-awturi ta' emendi **ta' dan it-tip** jistgħu jipproponu wkoll votazzjonijiet kollettivi **meta** l-emendi tagħhom **ikunu kumplimentari**.

Emenda

7. Il-President jista' jqiegħed emendi oħra għall-vot b'mod kollettiv meta dawn l-emendi jkunu kumplimentari, sakemm grupp politiku jew għadd ta' Membri li jilhqqu tal-anqas il-limitu baxx ma jkunux talbu votazzjonijiet separati jew maqsuma. L-awturi ta' emendi jistgħu jipproponu wkoll votazzjonijiet kollettivi **fuq** l-emendi tagħhom.

Emenda 55

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 174 – paragrafu 10**

Test fis-seħħ

10. Emendi li għalihom tintalab votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet għandhom jiġu **soġġett** għal votazzjoni **separate**.

Emenda

10. Emendi li għalihom tintalab votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet għandhom jiġu **soġġetti** għal votazzjoni **separata minn emendi oħra**.

Emenda 56

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 177 – interpretazzjoni**

Test fis-seħħ

Kull ksur ta' dan l-Artikolu jitqies bħala ***każ serju ta' diżordni kif stipulat fl-Artikolu 166(1) u jkollu l-konsegwenzi legali stipulati f'dak l-Artikolu.***

Emenda 57

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 196**

Test fis-seħħ

Artikolu 196

Twaqqif ta' Kumitati Permanenti

Il-Parlament għandu, fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti, iwaqqaf kumitati permanenti. Ir-responsabbiltajiet tagħhom għandhom ikunu stabbiliti f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura⁵². Dak l-Anness għandu jiġi adottat minn maġġoranza tal-voti mitfugħa. Il-membri tagħhom għandhom ***ikunu maħtura*** fl-ewwel sessjoni parzjali wara l-elezzjoni ta' Parlament ġdid ***u mill-ġdid sentejn u nofs wara.***

Ir-responsabbiltajiet tal-kumitati permanenti jistgħu wkoll jiġu ***stabbiliti*** f'ħin differenti mill-ħin meta l-kumitat ikun qed jitwaqqaf.

⁵² Ara l-Anness V.

Emenda 58

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 204 – paragrafu 1**

Test fis-seħħ

1. Fl-ewwel laqgħa tal-kumitat wara l-ħatra tal-membri tal-kumitat skont l-Artikolu 199, il-kumitat għandu jeleġġi bureau li jkun jikkonsisti fi president u

Emenda

Kull ksur ta' dan l-Artikolu jitqies bħala ***ksur tal-Artikolu 11(3b).***

Emenda

Artikolu 196

Twaqqif ta' Kumitati Permanenti

Il-Parlament għandu, fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti, iwaqqaf kumitati permanenti. Ir-responsabbiltajiet tagħhom għandhom ikunu stabbiliti f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura⁵². Dak l-Anness għandu jiġi adottat minn maġġoranza tal-voti mitfugħa. Il-Membri tagħhom għandhom ***jiġu eletti*** fl-ewwel sessjoni parzjali wara l-elezzjoni ta' Parlament ġdid.

Ir-responsabbiltajiet tal-kumitati permanenti jistgħu wkoll jiġu ***definiti mill-ġdid*** f'ħin differenti mill-ħin meta l-kumitat ikun qed jitwaqqaf.

⁵² Ara l-Anness V.

Emenda

1. Fl-ewwel laqgħa tal-kumitat wara l-ħatra tal-membri tal-kumitat skont l-Artikolu 199, ***u sussegwentement sentejn u nofs wara,*** il-kumitat għandu jeleġġi

f'viċi presidenti minn fost il-membri sħaħ tiegħu f'votazzjonijiet separati. In-numru ta' viċi presidenti li għandhom jiġu eletti għandu jiġi determinat mill-Parlament fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti. Id-diversità tal-Parlament trid tiġi riflessa fil-kompożizzjoni tal-bureau ta' kull kumitat; **ma għandux** ikun permess li jkun hemm bureau kompost minn nisa biss jew minn irġiel biss jew li l-viċi presidenti kollha joriġinaw mill-istess Stat Membru.

bureau li jkun jikkonsisti fi president u f'viċi presidenti minn fost il-membri sħaħ tiegħu f'votazzjonijiet separati. In-numru ta' viċi presidenti li għandhom jiġu eletti għandu jiġi determinat mill-Parlament fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti. Id-diversità tal-Parlament trid tiġi riflessa fil-kompożizzjoni tal-bureau ta' kull kumitat; **m'għandux** ikun permess li jkun hemm bureau kompost minn nisa biss jew minn irġiel biss jew li l-viċi presidenti kollha joriġinaw mill-istess Stat Membru.

Emenda 59

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 210a – titolu

Test fis-seħħ

Proċedura għall-eżami minn kumitat ta' informazzjoni kunfidenzjali **milqugħa mill-Parlament**

Emenda

Proċedura għall-eżami minn kumitat ta' informazzjoni kunfidenzjali **f'laqgħa tal-kumitat bil-magħluq.**

Emenda 60

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 210a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ

Ladarba l-president tal-kumitat ikun iddikkjara li l-proċedura ta' kunfidenzjalità **hija** applikata, l-aċċess **għal-laqgħa għandu** jingħata biss lill-membri tal-kumitat **u lill-uffiċjali u l-esperti** li jkunu ġew nominati minn qabel mill-president **u li l-preżenza tagħhom tkun assolutament meħtieġa.**

Emenda

Ladarba l-President tal-kumitat ikun iddikkjara li l-proċedura ta' kunfidenzjalità **għandha tiġi** applikata, **il-laqgħa għandha tkun bil-magħluq u** l-aċċess **għaliha jista'** jingħata biss lill-membri tal-kumitat, **inklużi membri sostituti. Il-Kumitat jista'** jiddeċiedi, **f'konformità mal-qafas legali interistituzzjonali applikabbli, li Membri oħra jistgħu jattendu għal-laqgħa skont l-Artikolu 206(3). L-aċċess għal-laqgħa jista'** jingħata **wkoll lill-persuni** li jkunu ġew nominati minn qabel mill-President, **li jeħtieġu li jkunu infurmati, b'rispett xieraq ta' kwalunkwe restrizzjoni li tirriżulta mir-regoli applikabbli li jirregolaw it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament. Rigward il-**

***konsultazzjoni ta' informazzjoni
klassifikata fil-livell ta' CONFIDENTIEL
UE/EU CONFIDENTIAL u ogħla, jew
fil-każ ta' limitazzjonijiet speċifiċi ta'
aċċess li jirriżultaw mill-qafas legali
interistituzzjonali, jistgħu japplikaw
restrizzjonijiet addizzjonali.***

Emenda 61

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 210a – paragrafu 4

Test fis-seħħ

4. Għadd ta' Membri jew grupp politiku jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu medju fil-kumitat li jkun applika l-proċedura kunfidenzjali jistgħu jagħmlu talba biex jiġi eżaminat ksur ta' kunfidenzjalità. Din it-talba tista' titqiegħed fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss tal-kumitat. B'maġġoranza tal-membri tiegħu, il-kumitat jista' jiddeċiedi li jressaq il-kwistjoni quddiem il-President biex jiġi eżaminat skont l-Artikoli 11 u 166.

Emenda

4. ***Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar il-ksur tal-kunfidenzjalità b'mod ġenerali***, għadd ta' Membri jew grupp politiku jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu medju fil-kumitat li jkun applika l-proċedura kunfidenzjali jistgħu jagħmlu talba biex jiġi eżaminat ksur ta' kunfidenzjalità. Din it-talba tista' titqiegħed fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss tal-kumitat. B'maġġoranza tal-membri tiegħu, il-kumitat jista' jiddeċiedi li jressaq il-kwistjoni quddiem il-President biex jiġi eżaminat skont l-Artikoli 11 u 166.

Emenda 62

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 211 – titolu

Test fis-seħħ

Seduti ta' smiġh pubbliku dwar inizjattivi taċ-ċittadini

Emenda

Seduti ta' smiġh pubbliku ***u dibattiti*** dwar inizjattivi taċ-ċittadini

Emenda 63

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 211 – paragrafu 7a (ġdid)

7a. Il-Parlament għandu jorganizza dibattitu dwar inizjattiva taċ-ċittadini ppubblikata fir-reġistru rilevanti skont il-punt (a) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, f'sessjoni parzjali wara s-seduta ta' smigħ pubbliku u għandu, meta jqiegħed id-dibattitu fuq l-aġenda tiegħu, jiddeċiedi jekk jagħlaqx id-dibattitu b'riżoluzzjoni jew le. M'għandux jagħlaq id-dibattitu b'riżoluzzjoni jekk rapport fuq l-istess suġġett jew suġġett simili huwa skedat għall-istess seduta parzjali jew f'dik ta' wara, ħliet jekk il-President, għal raġunijiet eċċezzjonali, jipproponi mod ieħor. Jekk il-Parlament jiddeċiedi li jagħlaq id-dibattitu b'riżoluzzjoni, il-kumitat responsabbli jew grupp politiku jew għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni. L-Artikolu 123(3) sa (8) rigward it-tqegħid fuq il-Mejda ta' mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet u l-votazzjoni fuqhom għandu japplika mutatis mutandis.

Emenda 76

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 211 – paragrafu 8

8. Fil-każ li l-Kummissjoni tonqos milli **tressaq** proposta **għal att legali** dwar inizjattiva taċ-ċittadini **li tkun ġiet riferuta lilha b'suċċess skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 fi żmien perjodu ta' tna-x il xahar** wara li tkun **ħarġet opinjoni pożittiva dwarha u spjegat f'komunikazzjoni l-azzjoni li għandha l-ħsieb li tiegħu**, il-kumitat responsabbli għas-suġġett jista' jorganizza seduta ta' smigħ b'konsultazzjoni mal-organizzaturi

8. **Wara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-konklużjonijiet legali u politiċi tagħha** dwar inizjattiva taċ-ċittadini **speċifika, il-Parlament għandu jivvaluta l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni bħala riżultat ta' tali komunikazzjoni.** Fil-każ li l-Kummissjoni tonqos milli **tippreżenta** proposta **xierqa** dwar inizjattiva taċ-ċittadini, il-kumitat responsabbli għas-suġġett jista' jorganizza seduta ta' smigħ

tal-inizjattiva taċ-ċittadini **u, jekk ikun meħtieġ**, jattiva l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 46 ***bil-ħsieb li jeżerċita d-dritt tal-Parlament li jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta xierqa.***

b'konsultazzjoni mal-organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini. ***Barra minn hekk, il-Parlament jista' jiddeċiedi jekk jorganizzax dibattitu plenarju u jekk jagħlaqx dan id-dibattitu b'riżoluzzjoni. Il-proċedura msemmija fl-Artikolu 211(7a) għandha tapplika mutatis mutandis. Il-Parlament jista' wkoll jiddeċiedi li jeżerċita d-dritt mogħti lillu mill-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk jattiva l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 46.***

Emenda 64

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 223a – titolu – nota f'qiegħ il-paġna

Test fis-seħħ

⁶¹ L-Artikolu 223a għandu japplika biss għall-partiti politiċi Ewropej u għall-fondazzjonijiet politiċi Ewropej skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) u (4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. ***Ara wkoll in-noti ta' qiegħ il-paġna għall-Artikoli 224 u 225.***

Emenda

⁶¹ L-Artikolu 223a għandu japplika biss għall-partiti politiċi Ewropej u għall-fondazzjonijiet politiċi Ewropej skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) u (4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.

Emenda 65

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 223a – paragrafu 2a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

2a. Abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, grupp ta' mill-inqas 50 ċittadin jista' jissottometti talba motivata fejn jistieden lill-Parlament jitlob il-verifika msemmija fil-paragrafu 2. Dik it-talba motivata m'għandhiex titnieda jew tiġi ffirmata mill-Membri. Għandha tinkludi evidenza fattwali sostanzjali li turi li l-partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea inkwistjoni ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-

paragrafu 2.

Il-President għandu jibgħat talbiet ammissibbli minn gruppi ta' ċittadini lill-kumitat responsabbli għal eżami ulterjuri.

Wara dak l-eżami, li għandu jseħħ fi żmien erba' xhur mir-riferiment tal-President, il-kumitat responsabbli jista', permezz ta' maġġoranza tal-membri tiegħu li jirrappreżentaw mill-inqas tliet gruppi politiċi, jippreżenta proposta għas-segwitu tat-talba u jinforma lill-President dwar dan.

Il-grupp ta' ċittadini għandu jiġi infurmat dwar l-eżitu tal-eżami tal-kumitat.

Malli jirċievi l-proposta tal-kumitat, il-President għandu jikkomunika t-talba lill-Parlament.

Wara din il-komunikazzjoni, il-Parlament għandu, b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, jiddeċiedi jekk jippreżentax talba lill-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej.

Il-kumitat għandu jadotta linji gwida għat-trattament ta' tali talbiet minn gruppi ta' ċittadini.

**Emenda 89/rev
Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 228a (ġdid)**

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu 228a

Integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri

Il-Bureau għandu jadotta pjan ta' azzjoni dwar il-ġeneri li jkollu l-mira li jinkorpora l-perspettiva tal-ġeneri fl-attivitajiet kollha tal-Parlament, f'kull livell u f'kull stadju. Il-pjan ta' azzjoni dwar il-ġeneri għandu jiġi mmonitorjat darbtejn fis-sena u rivedut tal-anqas kull ħames snin.

Emenda 66

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 229 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

Dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għal petizzjonijiet u komunikazzjonijiet li ma jeħtiġux deċiżjoni.

Emenda

Dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għal petizzjonijiet, ***inizjattivi taċ-ċittadini*** u komunikazzjonijiet li ma jeħtiġux deċiżjoni.

Emenda 67

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness II – titolu

Test fis-seħħ

KRITERJI GĦALL-MISTOQSIJET
GĦAL TWEĠIBA BIL-MIKTUB SKONT
L-ARTIKOLI 130, **130A**, **130B**, 131 U
131A

Emenda

KRITERJI GĦALL-MISTOQSIJET
GĦAL TWEĠIBA BIL-MIKTUB SKONT
L-ARTIKOLI 130, 131 U 131A